VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,224, 21 ta' Marzu, 2014
Taqsima B

A.L. 87 tal-2014

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien għar-Rebbiegħa 2014)

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u tad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2014 għall-Gamiem u Summien).

Tifsir.

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

L.S. 504.71

Stabbiliment tal-perjodu tal-kaċċa.

3. Għall-finijiet tat-tieni proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kaċċa tal-Gamiema u s-Summiena għas-sena 2014, hawn aktar 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejjaħ "l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa", għandu jkun mit-12 ta' April sat-30 ta' April, 2014, iż-żewġ dati inklużi.

Kaċċa skont qafas speċifikat.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa).

L.S. 504.94

Kwoti.

5. (1) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa ta' 11,000 għall-Gamiem u ta' 5,000 għas-Summien bħala n-numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa meħudin flimkien.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu kuljum ta' żewġ (2) għasafar u l-kwota ta' għasafar li jistgħu jinqabdu matul l-istaġun tar-Rebbiegħa ta' erba' (4) għasafar għal kull Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa jew kemm, taħt dak in-numru, jistgħu jkunu ġew ikkaċċjati qabel ma jkun għalaq l-istaġun.